MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Numru 1/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**Josephine Alsulayman ta' 28 sena, bint Francis Debono u Mary Assunta nee Agius imwielda Vittoriosa flis-26.06.1975, U toqghod Flat 4, Lolly's Place, Triq il-Barbagann, San Gwann, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 361075 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Josephine Alsulayman li giet akkuzata talli fil-lejl ta' bejn 23/11/2003

u 23/11/2003 u fix-xhur ta’ qabel, fil-Marsa, f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artiklu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni ta’ l-istess imputata registrata fil-verbal tas-27 ta’ Novembru, 2003.

Rat in konsegwenza ta’ hekk il-pre sentencing report esebit u semghet ukoll il-probation officer Miriam Sevasta.

Illi in kwantu ghall-htija dwar ir-reat lilha addebitat issib lil Josephine Alsulayman hatja ta’ l-akkuza kif dedotta kontra taghha u dan wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, ikkonsidrat il-pozizzjoni ta’ l-akkuzata u cioe li hi qed tigi kostretta tipprostitwixxi lilha nnifisha, li llum spiccat bla xoghol u minghajr residenza permanenti. Tqis li jkun aktar opportun li taqbel ma’ dak suggerit fil-pre-sentencing report u ghalkemm thoss li Alsulayman wara li ghal darbtejn inghatat zewg opportunitajiet biex tohrog minn din il-problema u ma gharfitx tgawdi l-vantaggi ta’ dak li kien il-Kapitlu 152, ghalhekk qeghda tikkundannaha xahrejn habs sospizi ghal tnax-il xahar u dan wara li rat l-artiklu 28 A tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll l–artiklu 28 G tal-kapitlu 9 u tqieghed lil Josephine Alsulayman taht ordni ta’ supervizjoni ghal tnax-il xahar mil-llum. B’dan illi qeghda tahtar bhala supervising officer lil Miriam Sevasta ghal dan il-perjodu u li matulu Josephine Alsulayman ghandha tobdi dawk id-direttivi lilha moghtija mill-istess supervising officer b’mod specjali in kwantu si tratta ta’ sejbien ta’ impieg xieraq u residenza adekwata.

Tordna wkoll din il-Qorti li l-istess ufficjali sorveljanti kull tmien gimghat mil-llum tibghat rapport dwar l-andament ta’ l-istess Alsulayman, kopja ta’ liema ghandu jinghata wkoll lill-istess Josephine Alsulayman.

Il-Qorti fehmet lill-istess Alsulayman l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti minn sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------